

**Emenda 83****Carl Schlyter**

fisem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport****Frédérique Ries**

Ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali  
COM(2011)0353 – C7-0169/2011 – 2011/0156(COD)

**A7-0059/2012****Proposta għal regolament****Premessa 16a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(16a) Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, trabi tat-twelid b'piż baxx għandhom jiġu mitmugħha l-ħalib ta' ommhom stess. Madankollu, proporzjon żgħir ta' trabi tat-twelid b'piż baxx u trabi prematuri jista' jkollhom rekwiżiti nutrizzjonali speċjali li ma jistgħux jiġu sodisfati mill-ħalib tal-omm stess jew mill-formuli standard tat-trabi. L-ikel għal dawn it-trabi għandu jikkonforma mar-regoli applikabbli għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, meta dan it-tip ta' ikel jintgħażel bħala l-formula l-aktar xierqa, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni medika speċifika tat-tarbija. Il-formula maħsuba għal trabi tat-twelid b'piż baxx jew prematuri għandha fi kwalunkwe każ-tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/141/KE.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Protecting breastfeeding in this vulnerable group of infants is particularly important. The percentage of low birth-weight and pre-term infants that might be considered to require supplements of vitamins and minerals in addition to mother's milk, principally the ones with a very low birth weight, is very small (e.g. the number of infants below 1500g is 1% of all UK births). If the formulation of the ENVI report remains unchanged, it might be interpreted as if low birth-weight and pre-term infants would generally or often need special formula. This is*

*not the case, and WHO clearly recommends to feed low-birth weight infants mother's own milk.*

**Emenda 84****Carl Schlyter**

fisem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport****Frédérique Ries**

Ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali  
COM(2011)0353 – C7-0169/2011 – 2011/0156(COD)

**A7-0059/2012****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ir-rekwiżiti speċifiċi dwar ***l-użu*** ta' pestiċidi fil-prodotti agrikoli maħsuba għall-produzzjoni ta' ikel simili u dwar ir-residwi tal-pestiċidi f'ikel simili;

*Emenda*

(b) ir-rekwiżiti speċifiċi dwar ***ir-rekwiżiti speċifiċi dwar ir-restrizzjonijiet għall-użu*** ta' pestiċidi fil-prodotti agrikoli maħsuba għall-produzzjoni ta' ikel simili u dwar ir-residwi tal-pestiċidi f'ikel simili; ***dawn ir-rekwiżiti għandhom jinkludu projbizzjoni fuq l-użu ta' pestiċidi li jkollhom sustanzi attivi, safeners jew synergists ikkl-klassifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala mutaġġeni fil-kategorija 1A jew 1B, karċinoġeni tal-kategorija 1A jew 1B, tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B, meqjusa li jkollhom proprjetajiet li jfixx klu s-sistema endokrinali, li jistgħu jikkawżaw effetti negattiv fil-bnedmin, jew sustanzi attivi approvati bħala "kandidati għas-sosituzzjoni"* skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (EC) Nru 1107/2009 għall-produzzjoni ta' ikel msemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 1(1);**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Apparti r-rekwiżiti ġenerali li jirrigwardaw l-użu tal-pestiċidi, kif stipulat fl-Artikolu 9 tar-rapport tal-ENVI, għandhom japplikaw regoli aktar stretti għall-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar. It-trabi u t-tfal żgħar huma partikolarment sensittivi għal sustanzi li jfixx klu s-sistema endokrinali jew għal sustanzi tossiċi oħraejn. Għaldaqstant, dawn is-sustanzi kimiċi*

*m'għandhomx jintu żaw fil-proċess tal-produzzjoni.*

**Emenda 85****Carl Schlyter**

fisem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport****Frédérique Ries**

Ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali  
COM(2011)0353 – C7-0169/2011 – 2011/0156(COD)

**A7-0059/2012****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*3a. Ir-reklamar tal-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment għandu jkun b'mod li jippermetti lill-konsumaturi jagħmlu distinżjoni ċara bejn il-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment u jevita kwalunkwe riskju ta' tfixxil bejn dawk il-kategoriji ta' prodotti. L-Istati Membri għandu jkollhom id-drift li jirrestrinġu aktar jew li jipprobixxu r-reklamar ta' ikel għat-trabi jew għat-tfal żgħar.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Illum, id-Direttiva 2006/141/KE dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment tirrestrinġi r-reklamar tal-formuli tat-trabi. Madankollu, il-konsumaturi jistgħu jitqarrqu minħabba li kultant huwa diffiċli li jagħmlu differenza bejn il-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment. Sabiex ma jkunx hemm il-possibilità li jittieħed vantaġġ mill-użu ta' ikel "speċjali" tat-tfal għall-ikel normali adegwat għat-tfal, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibilità li jirrestrinġu aktar ir-reklamar ta' ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar.*

6.6.2012

A7-0059/86

**Emenda 86**

**Daciana Octavia Sârbu**  
fisem il-Grupp S&D

**Rapport**

**Frédérique Ries**

Ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali  
COM(2011)0353 – C7-0169/2011 – 2011/0156(COD)

**A7-0059/2012**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Ir-reklamar tal-formuli għat-trabi u tal-formuli tal-prosegwiment għandu jkun ristrett għall-pubblikkazzjonijiet li jispeċjalizzaw fil-kura tat-trabi u l-pubblikkazzjonijiet xjentifiċċi u għandu jkun fih biss informazzjoni ta' natura xjentifika u fattwali. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu aktar jew jipprojbixxu dan ir-reklamar. Ir-reklamar tal-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment għandu jkun b'mod li jippermetti lill-konsumaturi jagħmlu distinzjoni ċara bejn il-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment u jevita kwalunkwe riskju ta' tfixkil bejn dawk il-kategoriji ta' prodotti.*

Or. en

**Emenda 87****Frédérique Ries**

fisem il-Grupp ALDE

**Esther de Lange**

fisem il-Grupp PPE

**Carl Schlyter**

fisem il-Grupp Verts/ALE

**Julie Girling**

f'isem il-Grupp ECR

**Kartika Tamara Liotard**

f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport****A7-0059/2012****Frédérique Ries**

Ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali

COM(2011)0353 – C7-0169/2011 – 2011/0156(COD)

**Proposta għal regolament****Artikolu 11 – paragrafi 1 u 2***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

## Artikolu 11

## Artikolu 11

***Il-lista* ta' sustanzi permessi ***tal-Unjoni********It-twaqqif ta' lista* ta' sustanzi permessi**

1. Mal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) jistgħu jiġu miżjudha vitamini, minerali, aċidi amminiċi u sustanzi oħra, sakemm tali sustanzi jkunu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

***1. Filwaqt li tqis id-Direttivi 2006/141/KE u 2006/125/KE u r-***

***Regolament (KE) Nru 953/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, mhux aktar tard mill-***

***[sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], atti ddelegati skont l-Artikolu 15, sabiex iddaħħal fl-Anness -1 lista ta' vitamin, minerali u sustanzi oħra li jistgħu jiżidiedu ma' kull kategorija ta' ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1).***

a) ma għandhomx, fuq bażi tal-evidenza xjentifika disponibbli, jippreżentaw problema ta' sigurtà għas-sahħha tal-konsumatur; ***kif ukoll***

b) għandhom ikunu disponibbli għall-użu mill-ġisem uman.

***2. Mhux aktar tard minn [sentejn (2) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-***

*Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u sussegwentement taġġorġna lista tal-Unjoni tas-sustanzi permessi li jilħqu l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, permezz tar-Regolamenti ta' implementazzjoni. Id-dħul ta' sustanza fil-lista tal-Unjoni għandha tinkludi spċifikazzjoni dwar is-sustanza, u, fejn ikun meħtieġ, tispeċifika l-kondizzjonijiet tal-użu u l-kriterji tal-purità applikabbli. Dawn ir-Regolamenti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2). Abbażi ta' rägunijiet ta' urġenza estrema debitament iġġustifikati relatati ma' riskji emerġenti tas-saħħa, il-Kummissjoni għandha immedjat tadotta atti implementattivi applikabbli li jaġġornaw il-lista tal-Unjoni skont l-Artikolu 14(3).*

**2.** Mal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(1) jistgħu jiġu miżjudha vitamini, minerali, aċċidi amminiċi u sustanzi oħra, sakemm tali sustanzi jkunu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a) dawn ma għandhomx, fuq bażi tal-evidenza xjentifika disponibbli **aċċettata b'mod ġenerali u rieżaminata minn esperti**, jippreżentaw problema ta' sigurtà għas-saħħa tal-konsumatur;
- b) għandhom ikunu disponibbli għall-użu mill-ġisem uman.

*(ba) għandhom ikunu xierqa għall-użu nutrittiv li għalih ikunu maħsuba.*

*(bb) għandu jkollhom, abbażi ta' evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali, effett nutrittiv u/jew fiżjoloġiku.*

**2a. Għas-sustanzi msemmija fil-paragrafu 2 li huma nanomaterjali maħdumin, għandhom jaapplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonal li ġejjin:**

*(a) il-kundizzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 2 intweriet abbażi ta' metodi ta' ttestjar adegwati; kif ukoll*

*(b) il-valur nutrittiv tagħhom u kemm ikunu xierqa għall-persuni li għalihom huma maħsuba jkunu ntwerew.*

*(Is-sostituzzjoni tat-terminu "Lista tal-Unjoni" mill-"Anness -1" tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

*(Il-paragrafu 1 tat-test tal-Kummissjoni sar il-paragrafu 2 u l-paragrafu 2 tat-test tal-Kummissjoni sar il-paragrafu 1, b'modifik.)*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*For reasons of legal certainty and transparency, vitamins, minerals and other substances should be included in an Annex to the Regulation itself and not in a separate document which is not part of the Regulation. This would also ensure that the Regulation is continually updated and amended (automatically upon the inclusion of a substance), and would thus render a separate list unnecessary. This Annex should be supplemented and updated through delegated acts.*

*Given the fact that in Article 4(3) of the Directive 2009/39/EC the Regulatory Procedure with Scrutiny was used for establishing and updating the list, which ensured that Parliament was able to "veto" an inclusion or update, it cannot be acceptable for EP to use implementing acts, which do not provide for such a possibility, for exactly the same power of establishing and updating the list of substances.*